# Mro Gabriel Muscat

## *Is-Surmast Balzani (1934-2017)*

*Din is-silta minn kitba ta' Silvio Cassar inqrat fis-Serata In Memoria di Gabriel Muscat li kienet saret nhar it-Tlieta 4 t'April 2017 u li fiha ħadet sehem il-Banda San Gabriel.*



Is-Surmast Onorarju tal-Każin tal-Banda San Gabriel Mro Gabriel Muscat, jew kif kien magħruf fostna Beli s-Surmast, twieled f'Ħal Balzan nhar l-20 ta' Ottubru 1934. Ħadem qatigħ fil-qasam mużikali. Hu għamel ġieħ lil Ħal Balzan u lil dan il-Każin li tant kien iħobb.

F'intervista riċenti li saret lil Gabriel Muscat dwar il-bidu tiegħu fil-qasam mużikali, kien wieġeb hekk; *'Minn mindu kont tifel żgħir kont inkun dejjem il-knisja għax in-nannu Mikiel kien is-sagristan. Dejjem kont inħoss qalbi tistrieħ meta nisma' l-orgni jdoqq u għaldaqstant tħajjart nitgħallem il-mużika. Il-ġenituri u n-nannu inkoraġġewni ħafna, kif ukoll is-Surmast Paul Nani. Id-dar tagħna kienet tinfed mad-dar tiegħu. Jien trabbejt mas-Surmast Paul Nani u niftakar li darba kont qed nitgħallem il-vjolin u kont nipprattika daqs nofs siegħa kuljum. Sabni u qalli hekk: 'Fuq il-vjolin għandek S f'ġenb u S f'ġenb ieħor (fi ftit kliem dawn minnhom toħroġ il-melodija), dawk ifissru Sempre Studia. Minn dakinhar tfajt aktar moħħi fl-istudju tal-mużika.'* Gabriel temm jgħid hekk; *'Min jaf kemm daqqejt u kantajt ma' Mro Paul Nani. Għalija l-Familja Nani tfisser eċċellenza mużikali li b'xorti tajba dehret f'pajjiżna.'*

Gabriel beda jitgħallem il-vjolin taħt is-Surmast Ġużeppi Bajada li kien vjolinista mfittex. Minħabba li kien ġar mal-Maestro di Cappella Paul Nani, malajr beda jdoqq miegħu wkoll. Xtaq jistudja wkoll strument għal mal-banda, u fil-fatt beda jistudja l-Althorn fil-Każin tal-Banda Sant'Elena mas-Surmast Klement Sciberras. Tant studja li wara ftit sar solista ma' ħafna baned Maltin. Għadda ż-żmien u beda jistudja l-kompożizzjoni u għaldaqstant ikkompona bosta mużika fost l-oħrajn marċi brijużi, marċi funebri kif ukoll valzi u xi quddies sagru. Kien ħabib kbir tal-Maġġur Anthony Aquilina. Gabriel Muscat għallem għal snin twal fil-Każin tal-Banda San Gabriel, fl-Għaqda Mużikali Sant'Elena ta' Birkirkara u fl-Għaqda Mużikali Pinto ta' Ħal Qormi. F'dawn l-għaqdiet mużikali, Gabriel kien inħatar Assistent Surmast u għalliem. Wara ħafna snin ta' ħidma, il-Każin tal-Banda San Gabriel ħatar lil Gabriel Muscat bħala Surmast Onorarju. Hekk ukoll kienet għamlet l-Għaqda Mużikali De Paule ta' Raħal Ġdid.



Anita Muscat waqt il-preżentazzjoni tal-istrument li kien idoqq missierha Mro Gabriel Muscat lill-President Lino Borg

Fl-1984, il-Banda San Gabriel bdiet tipprepara sabiex tippubblika l-ewwel *cassette* b'sett ta' marċi brijużi. Ma setax jonqos li Gabriel Muscat jikkomponi marċ brijuż. U fil-fatt hekk kien għax il-marċ brijuż bl-isem ta' **Peter** kien l-akbar suċċess f'dak li għandu x'jaqsam ma' marċi brijużi. Dan il-marċ kien inkiteb għal Pietru Borg, dilettant kbir fil-qasam pirotekniku fil-Kamra tan-Nar San Gabriel u membru attiv fl-istess każin. Pietru kien sab lill-istess Gabriel u qallu hekk; *'Iktibli marċ fejn il-partitarji jkunu jistgħu jkantaw u jagħmlu l-briju.'* Hekk kien għax Gabriel ikkompona marċ brijuż mill-aqwa.

Min jaf kemm il-mibki Surmast Onorarju Mro Gabriel Muscat għallem bandisti li għadhom jagħtu s-servizz tagħhom fil-baned Maltin. Irridu nsemmu li wieħed minnhom hu l-Assistent Surmast tal-Banda San Gabriel Tony Carbonaro li kien ħareġ idoqq għall-ewwel darba fil-festa ta' Santu Kruċ tas-sena 1981.

Għaldaqstant insellmu l-memorja tas-Surmast Onorarju Gabriel Muscat. Nirringrazzjaw lill-familja tiegħu li għoġobhom jagħtuna l-istrument Althorn li kien idoqq flimkien ma' mużika oħra sabiex tintrefa fl-arkivju tas-Soċjetà tagħna. Gabriel Muscat jibqa' mniżżel fl-istorja ta' Ħal Balzan b'ittri tad-deheb mal-Banda San Gabriel u bħala mużiċist prim Balzani.

Is-Surmast Onorarju Gabriel Muscat miet it-Tnejn, 9 ta' Jannar 2017 fl-età ta' 82 sena.